MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 280/2003

**Oscar u Ludgarda konjugi Mizzi**

**vs**

**Emanuel u Connie konjugi Pace,**
**u Leone u Grace, konjugi Ciantar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Jannar, 2003, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lill-atturi s-somma ta' elf mitejn u tmien liri Maltin jew somma verjuri rappresentanti arretrati ta' kera gravanti l-fond minghajr numru bl-isem Fone Zone, f'Constitution Street, Mosta u dana ghall-perijodu mill-1 ta' Ottubru 2002 sat-28 ta' Frar 2003 u dana bir-rata ta' Lm8 kuljum.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenuti Leone u Grace konjugi Ciantaripprezentata fis-7 ta’ Marzu 2003, fejn huma ecceppew illi:
1. Illi in linea preliminari l-konvenuti Leone u Grace konjugi Ciantar m’humiex fil-pussess tal-fond FoneZone, Triq il-Kostituzjoni Mosta u dana ghal dawn l-ahhar tlett snin.
2. Illi in linea preliminari ukoll l-atturi naqqsu li jinterpellaw lill-konvenuti ufficjalment biex jersqu ghall-hlas tal-kera.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost hemm appell pendenti fl-istess ismijiet fuq l-istess mertu u ghalhekk japplika l-*lis alibi pendens*.
4. Salvi eccezzjonjiet ulterjuri.

Ra illi l-konvenuti l-ohra Emanuel u Connie Pace irrifjutaw in-notifika lilhom maghmula u dana anke kif jirrizulta mix-xhieda tal-pustier inkarigat bin-notifika ta’l-att Ian Cuschieri u ghalhekk it-Tribunal iqies in-notifika maghmula lill-konvenuti konjugi Pace fis-17 ta’ Frar 2003, bhala wahda valida skond il-ligi.

Ra illi l-konvenuti konjugi Pace baqghu ma ipprezentaw l-ebda risposta skond il-ligi.

Sema ix-xhieda biss ta’l-attur stante illi l-konvenuti l-ohra naqqsu li iressqu l-provi u dana ghalkemm inghataw iktar minn opportunita wahda sabiex jaghmlu l-istess.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esebiet.

Ikkunsidra,

Illi mid-dokument OM1 esebiet a fol. 18, 19 u 20 tal-process jirrizulta illi l-attur kien ikkonceda b’titolu ta’ kera lill-konvenuti Emanuel Pace u Leone Ciantar hanut li jinsab f’Constitution Street, il-Mosta u dana ghal perijodu ta’ hames snin mill-1 ta’ Novembru 1999, bil-kera ta’ Lm8 kuljum. Din il-kera kellha tithallas kull xahar bil-quddiem.

Illi mix-xhieda ta’l-attur Oscar Mizzi, liema xhieda ma gietx kontradetta, jirrizulta illi l-konvenuti ilhom ma ihallsu din il-kera ghal madwar sena u nofs. Huwa jikkonferma illi

qieghed jitlob, permezz tal-presenti istanza, il-hlas tal-kera ghal perijodu mill-1 ta’ Ottubru 2002 sat-28 ta’ Frar 2003 ghall-ammont ta’ Lm1208, liema ammont baqa’ ma thallasx mill-konvenuti. L-attur jikkonferma inoltre illi huwa intavola kawza ohra fejn qieghed jitlob l-izgumbrament tal-konvenuti minn dan il-fond minhabba in-nuqqas tal-hlas tal-kera, liema kawza hija pendenti quddiem il-Qorti ta’l-Appell.

Illi l-konvenuti konjugi  Ciantar ma ressqu l-ebda prova in sostenn ta’l-eccezzjonijiet minnhom sollevati u konsegwentment dawn qed jigu michuda fid-dawl ta’ nuqqas ta’ provi.

Illi l-konvenuti konjugi Pace ma ipprezentawx risposta ghall-kawza u irrifjutaw in-notifika lilhom maghmula ta’l-avviz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jatqa’ u jiddeciedi billi filwaqt li jirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti konjugi Ciantar, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi s-somma ta’ elf mitejn u tmien liri Maltin (Lm1208), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------